# INSAJRU BIL-GĦAQAL MA' FONZU L-FENEK





1



2



3



4



5

## ĦOBŻ KAXXI KAXXI

**X'għandek bżonn**

Slajs ħobż abjad
Slajs ħobż ismar
Karrotta żgħira maħsula u mqaxxra
3 mgħaref irkotta
Mgħarfa ħalib
Werqa ħassa maħsula u mqattgħa

*Chopping board*
Sikkina
Mħakka
Skutella żgħira
Mgħarfa
Furketta
Platt

**X'għandek tagħmel**

1. Poġġi l-ħobż fuq iċ-*chopping board* u aqta' barra l-ġnub bis-sikkina.
2. Ħokk il-karrotta u itfagħha ġol-iskutella. Żid il-ħalib u l-irkotta u għaffeġ kollox bil-furketta.
3. Poġġi s-slajs ħobż abjad fuq il-platt u dellek bit-taħlita. Għatti bis-slajs ħobż ismar, bħal *sandwich,* u agħfas ftit bil-pala ta' jdejk.
4. Aqta' s-*sandwich* fi tlieta għat-tul u għall-wisgħa biex jiġu 9 kaxxi żgħar.
5. Aqleb kaxxa iva u kaxxa le bħalma jidher fl-istampa.
6. Dawwar il-ħobż bil-ħass imqatta'.



**Ftakar...**

- Aħsel idejk sewwa u ilbes fardal qabel tibda.
- Kul ħobż ismar ta' spiss. Dan tajjeb għas-saħħa.
- Ixwi l-ġnub tal-ħobż li qtajt u kulhom bħala *snack*.



6

*Kitba: Suzanne Piscopo*   *Disinn: Michael Piscopo*